DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Awwissu 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2004/558/KE li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovini relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5352)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/433/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffetwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 10(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-rinotrakeite bovina infettiva hi d-deskrizzjoni tal-aktar sinjali kliniċi prominenti tal-infezzjoni bil-herpesvirus bovin tip 1 (BHV1). Minħabba li ħafna infezzjonijiet b'dak il-virus għandhom kors subklinikali, miżuri ta' kontroll għandhom ikunu diretti għall-qerda tal-infezzjoni minflok it-trażżin tas-sintomi.

(2) L-Anness E (II) tad-Direttiva 64/432/KEE jelenka r-"rinotrakeite bovina infettiva" fost il-mard li għalihom jistgħu jiġu approvati programmi ta' kontroll nazzjonali u mitluba garanziji addizzjonali.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE tal-15 ta' Lulju 2004 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovini relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda ppreżentati minn ċerti Stati Membri [2] telenka fl-Anness I l-Istati Membri jew partijiet minnhom li jimplimentaw programm għall-qerda tal-BHV1 u fl-Anness II dawk li diġà huma ħielsa minn din il-marda. L-Anness III ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi kriterji għal stabbiliment meqjus ħieles mill-infezzjoni BHV1.

(4) Sabiex tiġi evitata t-trażmissjoni tal-BHV1 f'azjendi ħielsa mill-virus BHV1, id-Deċiżjoni titlob il-moviment ta' annimali bovini minn żona mingħajr status ta' BHV1 jew elenkata fl-Anness I għal stabbiliment li jinsab f'żona elenkata fl-Anness II li fih twettaq test għall-preżenza ta' antikorpi għall-virus BHV1 b'riżultat negattiv fuq kampjuni meħuda matul tletin jum ta' kwarantina qabel il-moviment.

(5) Abbażi tal-esperjenza attwali bl-implimentazzjoni ta' programmi approvati għall-qerda tal-virus tal-infezzjoni BHV1, il-moviment dirett ta' annimali bovini minn stabbilimenti ħielsa mill-infezzjoni BHV1 għal postijiet magħluqa għat-tismin fl-Istati Membri jew partijiet tagħhom li huma ħielsa mill-infezzjoni BHV1 jista' jkun permess sakemm tkun implimentata s-sistema ta' mezzi ta' informazzjoni li permezz tagħha l-awtoritajiet kompetenti fil-post tal-unità tat-tismin jiżguraw ittestjar addizzjonali mal-wasla u t-tneħħija tal-annimali għall-biċċerija biss.

(6) Fil-preżent, ir-reġjuni kollha tal-Ġermanja bl-eċċezzjoni tal-postijiet amministrattivi ta' Regierungsbezirke Oberpfalz u Oberfranken fl-istat federali tal-Bavarja huma elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/558/KE.

(7) Il-Ġermanja ssottomettiet issa dokumentazzjoni b'appoġġ għall-applikazzjoni tagħha biex tiddikjara wkoll il-postijiet amministrattivi ta' Regierungsbezirke Mittelfranken u Unterfranken fl-istat federali tal-Bavarja bħala ħielsa mill-infezzjoni BHV1 u pprovdiet regoli għall-moviment nazzjonali ta' annimali bovini fi ħdan u lejn din il-parti ta' territorju tagħha. Għalhekk, il-Ġermanja talbet li l-applikazzjoni ta' garanziji addizzjonali, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE, tiġi estiża għal dawn l-unitajiet amministrattivi fil-Bavarja.

(8) Wara valutazzjoni tal-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja, jixraq li dawk iż-żewġ unitajiet amministrattivi li huma ħielsa mill-BHV1 ġewwa l-Ġermanja ma jiġux iktar elenkati fl-Anness I, minflok jiġu inklużi fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE u l-applikazzjoni ta' garanziji addizzjonali stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE tiġi estiża wkoll għalihom.

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.
[2] ĠU L 249, 23.7.2004, p. 20.

(9) Id-Deċiżjoni 2004/558/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2004/558/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2(2)(b)(ii) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) huma trasportati mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' annimali bi status ta' saħħa inqas lejn stabbiliment bi status BHV1 mhux magħruf fl-Istat Membru tad-destinazzjoni elenkat fl-Anness I, fejn skont il-programm nazzjonali approvat ta' qerda ('approved national eradication programme') l-annimali kollha huma msemmna ġewwa, u li minnha jistgħu biss jiġu trasportati għall-biċċerija;"

2. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 3(b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) wara t-tieni inċiż: 'Artikolu 3 paragrafu … punt … tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE';"

(b) għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. Permezz ta' deroga għall-paragrafu 1 (a) u (b), l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni tista' tawtorizza l-introduzzjoni ta' annimali bovini maħsuba għall-produzzjoni tal-laħam fi stabbiliment ħieles mill-BHV1 kif definit fl-Anness III ('BHV1- stabbiliment ħieles') li jkun jinsab f'reġjun ta' Stat Membru elenkat fl-Anness II skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-annimali ma jridux ikunu ġew imlaqqma kontra l-BHV1 u joriġinaw fi stabbilimenti jew baqgħu mit-twelid fi stabbilimenti ħielsa mill-BHV1.

(b) l-annimali huma trasportati mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' annimali bi status ta' saħħa aktar baxx;

(c) għal mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-dispaċċ, jew mit-twelid meta l-annimali għandhom inqas minn 30 jum, l-annimali baqgħu fl-istabbiliment ta' oriġini, jew ġo faċilità ta' iżolament approvata mill-awtorità kompetenti, li tinsab fi Stat Membru li fih ir-rinotrakeite bovina infettiva hija marda notifikabbli b'mod obbligatorju u li f'żona ta' raġġ ta' 5 km madwar l-istabbiliment jew il-faċilità ta' iżolament ma kien hemm l-ebda evidenza klinika jew patoloġika tal-infezzjoni BHV1 matul l-aħħar 30 jum;

(d) l-annimali ġew sottomessi b'riżultat negattiv għal test seroloġiku għall-antikorpi kontra l-gE-glycoprotein tal-BHV1 fil-każ li l-annimali joriġinaw minn merħla mlaqqma kontra l-BHV1, jew fil-każijiet l-oħra kollha ta' BHV1 kollu imwettaq fuq kampjun ta' demm meħud fi żmien 7 ijiem mid-dispaċċ mill-istabbiliment imsemmi fil-punt (c);

(e) dwar l-istabbiliment ta' destinazzjoni ħieles mill-BHV1 l-annimali kollha huma msemmna ġewwa u jitneħħew biss meta jkunu se jiġu trasportati għall-biċċerija;

(f) l-annimali msemmija fil-punt (d) huma suġġetti għal test seroloġiku għall-antikorpi kontra il-gE-glycoprotein tal-BHV1 jew il-BHV1 kollu mwettaq fuq kampjun ta' demm meħud fi żmien 21 sa 28 jum wara l-wasla fl-istabbiliment imsemmi msemmija fil-punt (e)

(i) b'riżultat negattiv f'kull każ, jew

(ii) l-istatus ta' ħieles mill-BHV1 tal-istabbiliment jibqa' sospiż sakemm l-annimali infettati jinqatlu fi żmien inqas minn 45 jum wara l-wasla fl-istabbiliment, u

— jew l-annimali f'kuntatt dirett mal-annimali infettati irreaġixxew b'riżultati negattivi għat-test għall-antikorpi kontra l-gE-glycoprotein tal-BHV1 jew il-BHV1 kollu mwettaq fuq kampjun ta' demm miġbur mhux aktar kmieni minn 28 jum wara t-tneħħija tal-annimali infettati, jew

— l-annimali li kellhom spazju ta' arja komuni ma' annimali infettati rreaġixxew b'riżultati negattivi għat-test għall-antikorpi kontra l-BHV1 kollu mwettaq fuq kampjun ta' demm miġbur mhux aktar kmieni minn 28 jum wara t-tneħħija tal-annimali infettati, jew

— l-annimali li jibqgħu fl-istabbiliment rreaġixxew b'riżultati negattivi għat-test għall-antikorpi kontra l-BHV1 kollu mwettaq fuq kampjun ta' demm miġbur mhux aktar kmieni minn 28 jum wara t-tneħħija tal-annimali infettati, jew

— l-istatus ta' ħielsa mill-BHV1 hu mogħti lura skont il-punt 4 tal-Anness III.

5. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 4 għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra tar-reġjuni elenkati fl-Anness II li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 huma implimentati u d-data tal-applikazzjoni maħsuba."

3. L-Anness I hu mibdul bit-test li hemm fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

4. L-Anness II hu mibdul bit-test li hemm fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS I

Stati Membri	Reġjuni ta' Stati Membri li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva fi qbil mal- Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KE
Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha għajr għar-Regierungsbezirke Oberpfalz, Oberfranken, Mittelfranken u Unterfranken fl-istat federali tal-Bavarja.
L-Italja	Ir-Reġjun Awtonomu tal-Friuli Venezia Giulia. Il-Provinċja Awtonoma ta' Trento"

ANNESS II

"ANNESS II

Stati Membri	Reġjuni ta' Stati Membri li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva japplikaw fi qbil mal- Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE
L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha
Il-Ġermanja	Regierungsbezirke Oberpfalz, Oberfranken, Mittelfranken u Unterfranken fl-istat federali tal-Bavaria
Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha
L-Italja	Il-Provinċja ta' Bolzano
Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha
L-Isvezja	Ir-reġjuni kollha"